# IL-FESTIVAL TAL-KTIEB

FUQ IL-KAMPUS

L-UNIVERSITÀ

4 - 5 - 6 TA' APRIL

10:00 ~ 15:00 U 17:00 ~ TARD

## PROGRAMM 2017

IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

għmu
għaqda tal-malti università • 1931

# 4 ta' APRIL

## 10:00 Il-Ġgant id-Dħuli // Faraxa Books

*Il-Ġgant id-Dħuli* ta' Gladys Masters, tradott minn Toni Aquilina. Qari minn studenti tal-primarja, b'attivitajiet relatati mal-ktieb.

## 11:00 Grappling with storytelling structure // Teodor Reljic

Teodor Reljic, awtur ta' *TWO* u ta' *MIBDUL*, sensiela ta' kotba ta' komiks space opera li ħierġa dalwaqt, se jitkellem dwar kif tgħallem l-arti tar-rakkuntar huwa u jikteb dawn iż-żewġ proġetti. Teodor jgħidilna kif fl-aħħar mill-aħħar tgħallem jikteb l-istejjer billi kiteb. Dan kollu jimplika li wieħed jitgħallem mill-iżbalji, xi ħaġa li Teodor intebaħ biha lejn l-aħħar tal-proċess tal-kitba ta' *TWO*.

## 12:00 Authentic language and convincing dialogue // Caroline Smailes

Dan il-workshop jiffoka fuq kif jingħaqdu d-djalogu u l-post, u r-restrizzjonijiet li jikkawżaw kemm lill-kittieb kif ukoll lill-qarrej. Kif jitħalltu l-lingwi differenti flimkien f'Like *Bees to Honey*? U kif inkludiet il-Malti fir-rumanz tagħha? Kien bżonn li tippreserva wirt lingwistiku, jew il-wirt tal-familja?

## 13:00 Il-Malti u l-barranin // Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

Matul din id-diskussjoni niltaqgħu ma' nies minn oqsma differenti tal-ħajja li ddeċidew li jitgħallmu l-Malti għal finijiet differenti. X'kien li ħajjarhom jitgħallmu l-Malti? Għaliex il-Malti minn tant lingwi oħrajn? U veru li l-Malti daqshekk diffiċli biex titgħallmu?

## 14:00 Naqra, Nann // L-Għaqda tal-Malti, Malta Libraries, San Vinċenz de Paul

F'din is-sessjoni se jsir qari għall-anzjani animat minn Dianne Giordmaina. Kulħadd mistieden jattendi u jakkumpanjana.

## 17:00 TAĦŻIŻ5 // L-Aġenzija Żgħażagħ u l-Għaqda tal-Malti

Matul din is-sessjoni l-pubbliku inġenerali mħeġġeġ jingħaqad mal-parteċipanti ta' TAĦŻIŻ5 għal sessjoni ta' taħriġ fil-kitba kreattiva.

## 18:30 Who looks at the sun anymore // Horizons

Horizons se jniedu kollezzjoni ta' poeżiji ta' Prof. Kenneth Wain bl-isem *Who looks at the sun anymore*.

## 20:00 Marmalja

Il-Marmalja ilhom stabbiliti mill-2010 u kienu parti mill-grupp popolari No Bling Show. Mill-ewwel dehra tagħhom ħolqu stil għalihom fix-xena, kemm bil-ħoss awtentiku li kapaċi joħloq Drinu kif ukoll il-lirika mirquma b'arti fix-xena tal-*hip hop* Maltija. It-temi li jindirizzaw huma soċjali u politiċi, u ta' natura kontroversjali. L-ewwel album tagħhom bħala duo, *Demm Ġdid*, nedewh fl-2015.

# 5 ta' APRIL

## 10:00 Hubertus von Amelunxen on Photography as Representation // Students' Philosophy Society

Prof. Hubertus von Amelunxen se jagħti taħdita dwar il-fotografija bħala rappreżentazzjoni. It-taħdita se tħares lejn Roland Barthes u Walter Benjamin biex tindirizza xi wħud mill-kunċetti li jqajjem is-seminar ta' Prof. Amelunxen dwar *Photography - Image of the Becoming*. Se jkun hemm ukoll diskussjoni f'panel ma' Prof. Vince Briffa u Dr Clive Zammit

## 12:00 Engaging with words // Miriam Calleja

Dan il-*workshop* jgħodd għal kittieba ta' kull livell, u matulu wieħed jista' jaħdem fuq ix-xogħol tiegħu permezz ta' eżerċizzji u logħob, *prompts*, u gwidi, kif ukoll pariri għal kitba iktar effiċjenti. Wieħed jista' jikteb b'liema lingwa jrid. Wara jkun hemm qari ta' poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż minn Miriam Calleja stess.

## 13:00 Conjuring characters // Caroline Smailes

Dan il-workshop jiffoka fuq il-bżonn ta' karattri konvinċenti u konsistenti fin-narrattiva. Se jintużaw għadd ta' mistoqsijiet li l-kittieba, permezz tagħhom, se joħolqu karattru li jistgħu jużaw f'kitbiethom. Jiġu indirizzati wkoll id-djalogu u l-għażla tat-temp.

## 14:00 Is-sengħa tal-legatorija // Glen Calleja

X'inhu l-proċess li bih jinħadem ktieb bl-idejn? Kemm-il struttura ta' ktieb nafu biha u x'jagħżel struttura minn oħra? Din id-dimostrazzjoni minn Glen Calleja tiffoka dwar is-sengħa tal-legatorija tradizzjonali u kif din tista' tintuża biex jinħolqu kotba ġodda. Se tingħata spjegazzjoni qasira tal-għodda u l-metodi ta' kif jiġi ddisinjat ktieb mill-idea inizjali sal-prodott aħħari.

## 17:00 Il-lingwa tal-kċina // Sinteżi (l-Għaqda tal-Malti)

Matul din is-sessjoni se niddiskutu l-Malti u l-kċina ... u l-lingwa tal-kċina. Qabel kienu jgħidu l-Malti lsien tal-kċina. Imma x'jiġri meta naraw xi kliem jintuża fil-kċina? Clifford Jo Żahra se jmexxi d-diskussjoni ma' għadd ta' studenti li ħadmu fuq ir-reġistru tal-kċina.

## 18:00 Fużjoni: poeżija u films // Inizjamed

Din l-attività, ikkurata minn Noel Tanti, se tiffoka fuq il-fużjoni bejn il-films u l-poeżija. Tliet studenti mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan l-Università ta'' Malta se jagħżlu tliet poeżiji u jabbinawhom ma'' tliet films magħżula speċifikament għall-poeżiji minn tliet studenti tal-Istudji tal-Films. Dakinhar tal-Festival issir diskussjoni u jinqraw il-poeżiji fl-isfond tal-film relatat.

## 20:00 Fight Club

Wiri tal-film *Fight Club* b'sottotitli bil-Malti minn Simon Cassar. *Fight Club* huwa film Amerikan tal-1999 ibbażat fuq ir-rumanz bl-istess isem ta' Chuck Palahniuk.

Għal iktar dettalji żuru l-attività fuq *Facebook* FESTIVAL TAL-KTIEB FUQ IL-KAMPUS 2017

# 6

## 10:00 Place // Caroline Smailes

Malta kif saret karattru fil-kitbiet ta' Caroline Smailes? Is-sensi kif jistgħu jintużaw biex jevokaw post? Kif tibqa' leali lejn post u l-problemi kollha li jista' jikkawża? Dan il-*workshop* iħares ukoll lejn l-użu tal-preżent u għaliex Smailes tagħżel li tpoġġi l-karattri tagħha, fl-issa, fi spazju li hu differenti minn dak li kitbet fih.

## 11:30 Is-sengħa tal-legatorija // Glen Calleja

X'inhu l-proċess li bih jinħadem ktieb bl-idejn? Kemm-il struttura ta' ktieb nafu biha u x'jagħżel struttura minn oħra? Din id-dimostrazzjoni minn Glen Calleja tiffoka dwar is-sengħa tal-legatorija tradizzjonali u kif din tista' tintuża biex jinħolqu kotba ġodda. Se tingħata spjegazzjoni qasira tal-għodda u l-metodi ta' kif jiġi ddisinjat ktieb mill-idea inizjali sal-prodott aħħari.

## 12:00 X'naqbad ngħid? Il-varjazzjoni lingwistika fil-Malti // Michael Spagnol

Is-sħab jew l-isħab? Żewġ fliexken jew żewġt ifliexken? Ingravati jew ingravajjet? In-nies ġew bi ħġarhom jew in-nies ġiet bi ħġarha? Insietu jew nesietu? Nifirħilha jew nifraħilha? F'din is-siegħa se naraw ħafna eżempji ta' varjanti lingwistiċi. U se nippruvaw inwieġbu tliet mistoqsijiet: (a) x'inhi l-varjazzjoni lingwistika?, (b) għaliex insibuha fil-lingwa? u (ċ) mnejn tinbet?

## 13:00 Films qosra // KNK

Fis-snin li għaddew il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb organizza konkors għal films qosra bbażati fuq novelli, u fost l-oħrajn ingħażlu "Laqgħa ma' mara morbi" (Immanuel Mifsud) u "Dar ir-Rummien" (Pierre J. Mejlak). Dawn iż-żewġ films qosra se jerġgħu jintwerew f'din is-sessjoni.

## 14:00 Il-preservazzjoni tal-karta // HoASA

Matul din is-siegħa se nkunu qed nitkellmu dwar il-preservazzjoni, ir-restawr tal-kotba, u l-arkivji.

## 17:00 Min hu nies? // Jean Paul Borg

Elena Cardona se tintervista lill-kittieb Jean Paul Borg li f'Novembru li għadda nieda l-kollezzjoni ta' bl-isem ta' *Mhux Nies* (Klabb Kotba Maltin). Kemm Elena kif ukoll Jean Paul se jaqraw xi siltiet. Lejn l-aħħar tal-attività, il-pubbliku se jkun ukoll jista' jagħmel il-mistoqsijiet tiegħu.

## 17:00 Qari ta' poeżiji // Faraxa

Matul dan il-ħin se jinqraw poeżiji kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż minn Marlene Saliba, Therese Pace, Dion P. P. Pizzuto, u Sarah Springham dwar suġġetti varji f'atmosfera rilassata.

## 17:00 Caroline Smailes: Meet the author

Il-mistiedna speċjali Caroline Smailes hija awtriċi rinomata ta' diversi kotba, fosthom *In search of Adam* (2007, The Friday Project/HarperCollins). Rumanzi oħrajn li kitbet huma *Like Bees to Honey*, *99 Reasons Why* u *The Drowning of Arthur Braxton* li bħalissa qed jinħadem f'film. Caroline Smailes għandha parentela Maltija, twieldet Newcastle u studjat il-kitba kreattiva. Matul din is-serata Caroline se taqra x-xogħol tagħha u se tiġi intervistata minn John Bonello.

**4|5|6 April**

## IL-BIBLIJOTEKA TAL-UNIVERSITÀ

**DAWRIET** mal-biblijoteka b'differenza. In-nies se jkunu jistgħu jidħlu ġewwa l-parti l-magħluqa tal-Melitensja, li s-soltu ma tkunx ma tkunx aċċessibbli għall-pubbliku.

**PREŻENTAZZJONI** fil-Melitensja ta' xi kotba u manuskritti prezzjużi.

HORIZONS - FARAXA BOOKS - SENSIELA KOTBA SOĊJALISTI (SKS)
STUDENTS PHILOSOPHICAL SOCIETY - EDE - KOTBA CALLEJA - BDL